MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 708/2004

**Mario Cassar u Maria Dolores Cassar**

**vs**

**Cole Foods Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:

Illi l-attur irrenda servizzi u fornituri lis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu tal-istess socjeta' konvenuta;

Illi is-socjeta' konvenuta hallset akkont tal-prezz, izda ghalkemm interpellata ghall-hlas tal-bilanc dovut hija baqghet inadempjenti;

Ghalhekk l-atturi talbu li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici lejn l-atturi f'somma rappresentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi u fornituri rezi mill-attur lis-socjeta' konvenuta;

2. Tillikwida l-ammont dovut lill-atturi rappersentanti il-bilanc ta' prezz ta' dawn is-servizzi u fornituri;

3. Tikundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat;

Bl-ispejjez u bl-imghax, kontra is-socjeta' konvenuta li giet ingunta in subizzjoni;.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn gie eccepit :

1. Preliminarjament illi l-azzjoni attrici hi preskritta ai termini tal-artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili;

2. Illi bla pregudizzju is-socjeta' konvenuta m'ghandha thallas xejn lill-atturi;

3. Illi inoltre l-atturi ghandhom fil-pussess taghhom zewg "ice cream machines", numru ta' "vacuum cleaners" industrijali kif ukoll makkinarju u ingenji ohra, proprjeta tas-socjeta' konvenuta, liema makkinarju l-istess atturi qeghdin izommu ghandhom abbuzivament u ghalhekk qed titressaq l-opportunita kontro talba skond il-ligi;.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat il-kontro-talba tas-socjeta konvenuta fejn gie premess :

Illi l-atturi ghandhom fil-pussess taghhom zewg “ice cream machines”, numru ta’ “vacuum cleaners” industrijali kif ukoll makkinarju u ingenji ohra, proprjeta tas-socjeta’ konvenuta, liema makkinarju l-istess atturi qeghdin izommu ghandhom abbuzivament wara li l-attur kellu jirriparahom;

Illi nonostante li l-atturi gew interpellati diversi drabi sabiex jirritornawhom baqghu inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta konvenuta talbet li l-atturi rikonvenzjonati jghid ghaliex m’ghandiex din il-Qorti:-

1. Tikkundanna lill-atturi sabiex fi zmien qasir u perentorju jirritornaw lis-socjeta konvenuta il-makkinarju u ingenji fuq imsemmija proprjeta tas-socjeta konvenuta, li jinsabu fil-pussess taghhom;

2. Fin-nuqqas li jottemperaw ruhhom tikkundanna l-istess atturi sabiex ihallsu lis-socjeta’ konvenuta il-valur tal-istess makkinarju;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ufficjali tat-3 ta’ Marzu 1998 kontra l-atturi ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-ikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta annessa mal-kontro-talba debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-atturi wara l-kontrotalba tas-socjeta’ konvenuta fejn gie eccepit :

Preliminarjament in-nullita tal-kontrotalba tas-socjeta’ konvenuta stante li l-pussess tal-makkinarju msemmi fl-istess kontrotalba m’ghandu x’jaqsam xejn mat-talba ta’ l-

atturi ghall-hlas ta' kreditu taghhom kontra s-socjeta' konvenuta;

Illi fi kwalunkwe kaz il-kontrotalba tal-konvenut hija ghal kollox frivola u vessatorja stante illi l-esponenti kemm il-darba offra li jghaddi lura l-pussess taz-zewg ice cream machines u zewg vacuum cleaners lis-socjeta' konvenuta; illi ghaldaqstant it-talba tas-socjeta' konvenuta hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

Illi l-istess makkinarju ghadu fil-pussess ta' l-esponenti unikament tort tas-socjeta' konvenuta stante illi l-istess socjeta' konvenuta, bhala agenta lokali ta' dawn il-magni, ma pprovdietx spare parts u ghaldaqstant l-attur ma setghax jespalta x-xoghol li kien inkarigat jaghmel fuqhom;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Dicembru 1999 minn fejn jirrizulkta li l-atturi rtiraw l-ewwel eccezzjoni taghhom ghalm kontro-talba;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-attur u lix-xhud prodott mis-socjeta konvenuta;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

L-atturi jippremettu li l-attur irrenda servizzi varji lis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu tal-istess socjeta' konvenuta u ghad fadallu jithallas ghal dawn is-servizzi. Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li s-socjeta konvenuta tigi dikjarata debitrici lejn l-atturi f'somma rappresentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi rezi. L-atturi qed jitolbu ukoll li tigi likwidata dik is-somma hekk dovuta u li s-socjeta konvenuta tigi kundannata thallas is-somma hekk likwidata;

Is-socjeta konvenuta teccepixxi li l-azzjoni attrici hi preskritta ai termini tal-artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili. Teccepixxi ukoll li hi m'ghandha thallas xejn lill-atturi. Inoltre l-atturi ghandhom fil-pussess taghhom zewg "ice cream machines", numru ta' "vacuum cleaners" industrijali kif ukoll makkinarju u ingenji ohra, proprjeta tas-socjeta' konvenuta u li l-atturi qeghdin izommu ghandhom abbuzivament;

Is-socjeta konvenuta ghamlet kontro-talba fejn ippremettiet li l-atturi ghandhom fil-pussess taghhom l-oggetti fuq indikati proprjeta tas-socjeta' konvenuta u liema ogetti l-atturi qeghdin izommu abbuzivament. Ghalhekk is-socjeta konvenuta qed titlob li l-atturi rikonvenzjonati jigu kundannati jirritornaw lis-socjeta konvenuta dawn l-oggetti;

Ghal din il-kontro-talba l-atturi eccpiew in-nullita tal-kontrotalba stante li l-pussess tal-makkinarju m'ghandu x'jaqsam xejn mat-talba ta' l-atturi. Jeccepixxu ukoll li l-kontrotalba hi frivola u vessatorja stante illi huma kemm il-darba offrew li jirritornaw l-oggetti in kwestjoni. Jeccepixxu ukoll li l-istess oggetti ghadhom fil-pusess tal-atturi tort tas-socjeta' konvenuta, li bhala agenta lokali ta' dawn l-oggetti ma pprovdietx spare parts u ghaldaqstant l-attur ma setghax jghamel ix-xoghol kif kien inkarigat.

L-atturi irtiraw l-imsemmija l-ewwel eccezzjoni taghhom ghal kontro-talba tas-socjeta konvenuta;

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur irrenda servizzi u fornituri varji lis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu ta' l-istess. Socjeta konvenuta. In partikolari l-attur tqabbad jinstalla l-makkinarju, id-dawl u s-sistemi kollha fil-fabbrika l-gdida tal-socjeta konvenuta fil-Marsa. Skond l-attur l-ammont kollu dovut kien ta' sebat elef, erba mija u erbgha u ghoxrin lira maltin (Lm7424) li minnhom is-socjeta konvenuta hallset biss elfejn lira maltin (Lm2000). B'hekk skond l-attur is-somma li ghada dovuta hi ta' hames elef, erba' mija u erbgha u ghoxrin lira maltin (Lm5424);

Mill-kumpless tal-provi prodotti u mir-rizultanzi jidher li l-imemmi ammont ta’ Lm5424 hu in effett dovut mis-socjeta konvenuta;

Fl-ewwel lok is-socjeta konvenuta teccepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-provedimenti tal-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili. Din l-ecezzjoni ma tirrizultax sufficjentement pruvata anke in vista tal-fatt li jidher li s-socjeta konvenuta ghamlet pagamenti akkont. Lanqas ma jirrizulta sufficjentement li l-imsemmi bilanc mhux dovut;

Dwar il-kontro-talba ghandu jimnghad li jidher li l-oggetti in kwestjoni mhux tas-socjeta konvenuta izda ta’ socjeta ohra. Jidher ukoll li ghar-rigward ta’ dak il-makkinarju li hu tas-socjeta konvenuta, cioe’ zewg ‘vacuum cleaners’, dawn gew konsenjati lill-attur biex jissewwew pero’ ma setghax isir xoghol fuqhom peress li s-socjeta konvenuta naqset li tipprovdi l-ispare-parts relattivi. Inoltre jirrizulta li l-atturi offrew li jekk is-socjeta konvenuta riedet, setghu jiehdu lura l-oggetti u l-makkinarju in kwestjoni;

In vista tal-premess ma jirrizultawx provi bizzejjed biex jistghu jigu akkolti l-kontro-talba tas-socjeta konvenuta u t-tielet eccezzjoni tal-istess socjeta konvenuta;

In vista tal-premess it-talba attrici ghandha tigi akkolta ghas-somma ta’ hamest elef, erba’ mija u erbgha u ghoxrin lira maltin (Lm5424). L-ecezzjonijiet kollha u l-kontro-talba tas-socjeta konvenuta jimmeritaw li jigu respinti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara illi s-socjeta’ konvenuta hija debitrici lejn l-atturi fis-somma ta’ hamest elef, erba’ mija u erbgha u ghoxrin lira maltin (Lm5424) liema somma tirrappresenta bilanc ta’ prezz ta’ servizzi u forrnituri rezi mill-attur lis-socjeta’ konvenuta u konsegwentement tikundanna lis-

socjeta’ konvenuta thallas lill-atturi l-ammont imsemmi ta’ Lm5424; u billi fit-tielet lok tichad it-talbiet kollha kif kontenuti fil-kontro-talba tas-socjeta konvenuta;

Spejjez kollha kontra s-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------